MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 90/2004/2

**Salvu u Carmen konjugi Attard**

**v.**

**Mario Spiteri, Shaun Spiteri u Antonia Spiteri**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1.1 Dan hu appell interpost mill-attur Salvu Attard[1] minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex),

[1] Ara l-verbal ta' kjarifika tat-18 ta' Jannar 2010

Gurisdizzjoni Superjuri, fis-16 ta' Ottubru 2007, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u li permezz tieghu l-imsemmi attur appellant qieghed jitlob lil din il-Qorti li s-sentenza appellata

"......tigi revokata billi filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-attur, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u kif ukoll tichad it-talbiet tal-konvenuti fit-talba rikonvenzjonali u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur...u bl-ispejjez tat-talba u tat-talba rikonvenzjonali taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

1.2 Jigi rilevat li dan l-appell gie intavolat f'isem l-attur Salvu Attard biss u mhux ukoll f'isem martu Carmen Attard <u>li fl-istadju ta' appell</u> jirrizulta li din mietet fil-mori tal-kawza u <u>hadd</u> mill-partijiet ma talab li ssir il-trasfuzjoni tal-gudizzju.

1.3 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata li fiha gie ritenut u deciz li gej:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni prezentata fit-23 ta' Marzu 2004 li permezz taghha l-atturi ppremettew li:

"B'sentenza minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Antonia armla ta' Francis Spiteri et v. Joseph Degaetano noe et moghtija fil-25 ta' April 1985, l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuti s-somma ta' sittax-il elf, hames mija u sebgha u erbghin Lira Maltija u disghin centezmu (Lm16,547.90).

"Sussegwentement il-partijiet ftehemu kif ghandu jithallas dan id-dejn, u dan permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fl-10 ta' Novembru 1998.

"Permezz ta' dan il-kuntratt l-atturi hallsu s-somma ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) u obbligaw ruhhom li jhallsu l-bilanc ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) ghas-saldu tad-debitu dovut lill-konvenuti.

"L-atturi kienu lesti li jhallsu dan l-ammont minnhom dovut kemm-il darba jikkancellaw l-ipoteka specjali li saret fuq il-fond tar-residenza tal-atturi fin-numru tnejn u erbghin (42), Triq Juel, Xaghra, Ghawdex u ghalhekk sar appuntament ghand in-nutar Paul George Pisani sabiex isir il-hlas u l-konvenuti jikkancellaw l-ipoteka specjali fuq deskritta.

"Minkejja li l-attur mar ghand in-Nutar Pisani u ha mieghu l-flus sabiex jaghmel il-pagament, il-konvenuti flimkien mal-avukat taghhom telqu mill-ufficcju tan-Nutar minghajr ebda raguni u l-attur ma setax jaghmel il-hlas.

"Sussegwentement saru diversi tentattivi sabiex l-atturi jaghmlu l-hlas, inkuz interpellanza permezz ta' ittra ufficjali, izda dawn min-naha taghhom baqghu qatt ma ressqu sabiex jircievu l-hlas.

"L-atturi ddepozitaw ukoll l-ammont fir-Registru tal-Qorti ta' Ghawdex permezz ta' cedola ta' depozitu li ggib in-numru 183/04.

"Il-konvenuti pprocedew biex il-fond numru 42, Triq Juel, Xaghra, Ghawdex jinbiegh bis-subbasta liema subbasta ggib in-numru 12/2004 fl-ismijiet Mario Spiteri et v. Salvu Attard et.

"L-atturi talbu lill-Qorti sabiex tissospendi s-subbasta indikata liema talba giet milqugha.

"L-atturi jridu li l-bejgh tal-proprjeta` fuq imsemmija jigi mwaqqaf defenittivament.

"L-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-ammont ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) dovut mill-atturi lill-konvenuti skond il-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani gew rifjutati minghajr l-ebda raguni valida mill-konvenuti.

"2. Tordna li jkun hemm twaqqif tas-subbast bin-numru 12/2004 fl-ismijiet **Mario Spiteri et v. Salvu**

**Attard et**, peress li l-pagament illum thallas billi gie depozitat fir-Registru tal-Qorti.

“Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata fis-16 ta’ Novembru 2004 (fol. 13), il-konvenuti eccepew:

“1. Id-domandi attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“2. Mhux veru li xi darba qabel l-10 ta’ Novembru 2003 l-atturi offrew il-hlas. Anzi kif ser jirrizulta mill-provi l-atturi naqsu milli jhallsu skond il-kuntratt tal-10 ta’ Novembu 1998. Ghalhekk huma ddekadew mir-riduzzjoni tal-ammont dovut minnhom skond is-sentenza moghtija mill-Qorti fil-25 ta’ April 1985 fl-ismijiet Antonia Spiteri et v. Joseph Degaetano nomine et.

“3. L-attur bdew joffru li jhallsu l-ammont ta’ Lm4,300 biss fis-sena 2004, cioe` ferm wara li skada t-terminu perentorju stabbilit fil-kuntratt, meta indunaw u rrejalizzaw x’kienu l-konsegwenzi tan-nuqqas taghhom illi jhallsu l-ammont dovut minnhom tempestivament. Huma ddepozitaw l-ammont ta’ Lm4,300 fir-Registru ta’ din il-Qorti biss fl-2004 u cioe` xhur wara li l-ammont kellu jithallas.

“Min-naha taghhom il-konvenuti pprezentaw talba rikonvenzjonali (fol. 14) fejn ippremettew li:

“Kif jirrizulta mill-kuntratt tal-10 ta’ Novembru 1998, l-ammont dovut minn Attard hu ta’ sbatax-il elf, hames mija u sittin Lira Maltija (Lm17,560) oltre l-imghax b’effett mid-data tas-sentenza (1985) sad-data tal-kuntratt (1998), tant li wara li Attard hallsu l-ammont ta’ Lm10,000 xorta kien mehtieg illi tigi kostitwita ipoteka specjali fuq id-dar taghhom fl-ammont ta’ Lm7,560.

“Sabiex jippruvaw jehilsu darba ghal dejjem mill-pendenzi ma’ Attard, il-konvenuti kienu pronti jaghtu riduzzjoni tal-ammont dovut lilhom ghal Lm4,300 bil-kundizzjoni u patt espress illi dan l-ammont jithallas mhux aktar tard mill-10 ta’ Novembru 2003. B’dan il-mod Attard kienu ser

jiffrankaw l-ammont ta’ Lm3,260 mill-kapital, oltre l-interessi kollha fuq l-ammont ta’ Lm17,560 ghal tlettax-il sena, u l-interess fuq Lm7,560 ghal hames snin ohra. Biex jibbenefikaw minn dik ir-riduzzjoni konsiderevoli huma kienu obbligati jottemperaw ruhhom mal-kundizzjoni dwar hlas fil-pront (cioe` fi zmien hames snin) ghaliex altrimenti kienet awtomatikament tiskatta il-kundizzjoni stipulate fit-tieni paragrafu tal-kuntratt illi kienet tghid: *“b’dan pero` li kemm-il darba il-komparenti Attard jonqsu li jhallsu dan id-debitu saz-zmien hawn miftiehem tkun xi tkun ir-raguni ghal dan in-nuqqas, allura l-ammont intier dovut skond is-sentenza fuq imsemmija isir dovut u kull riduzzjoni koncessa mill-komparenti Spiteri permezz ta’ dan l-att ghandha titlef il-validita` taghha”*.

“L-atturi naqsu milli jaghmlu dan il-hlas fit-terminu perentorju koncess lihom skond il-kuntratt tal-10 ta’ Novembru 1998 minkejja illi l-konvenuti talbuhom bil-miktub li jhallsu l-ammont dovut fl-10 ta’ Novembru 2003.

“Ghalhekk l-atturi ddekadew mir-riduzzjoni tal-ammont dovut minnhom skond is-sentenza precedenti ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ April 1985 fl-ismijiet Antonia Sptieri v. Salvu Attard.

“Talbu l-konvenuti sabiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara li l-atturi naqsu milli jhallsu jew joffru l-ammont ta’ Lm4,300 dovut minnhom skond il-kuntratt tal-10 ta’ Novembru 1998 qabel, jew anke f’xi zmien qarid id-data tal-10 ta’ Novembru 2003.

“2. Tiddikjara li intkom iddekadejtu mill-beneficcju tar-riduzzjoni tal-ammont dovut minnkom, moghti lilkom mill-konvenuti Spiteri fuq l-istess kuntratt.

“3. Tillikwida l-ammont li llum huwa dovut skond it-termini tas-sentenza tal-25 ta’ April 1985 fil-kawza **Antonia Spitei et v. Joseph Degaetano nomine et** billi tiddikjara illi jikkonsistu fl-ammont ta’ Lm7,k560 bl-imghax b’effett mill-25 ta’ April 1985 sal-10 ta’ Novembru 1998, u

l-interessi fuq il-bilanc ta' Lm7,560 b'effett mill-10 ta' Novembru 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

"4. Tikkundanna lill-atturi jhallsu dan l-ammont lill-konvenuti.

"5. Tordna t-tkomplija tal-atti tas-subbasta numru 12/2004 sabiex mir-rikavat ikun jista' jithallas il-kreditu tal-konvenuti Spiteri.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-atturi ghal din it-talba rikonvenzjonali (fol. 18):

"1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-atturi kienu offrew is-somma ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) u kienu l-konvenuti Spiteri li naqsu li jzommu l-appuntament sabiex isir il-hlas u fl-istess hin il-kancellament tal-ipoteka kif riedu l-atturi konjugi Attard.

"2. Meta sar dan l-appuntament l-atturi kienu prezenti bil-pagament izda l-konvenuti Spiteri telqu l-barra u ghalhekk l-atturi kellhom jiddepozitaw l-ammont fir-Registru tal-Qorti.

"Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fl-14 ta' Settembru 2007 u mill-konvenuti fit-28 ta' Settembru 2007.

"Rat ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Antonia armla ta' Francis Spiteri proprio et noe v. Joseph Degaetano noe et** (Cit. numru 88/1981) deciza fil-25 ta' April 1985.

"Rat ukoll l-atti tar-rikors fl-ismijiet **Antonia Spiteri proprio et nomine v. Joseph Degaetano nomine et** (Rikors numru 4/2004PC) degretat fis-26 ta' Frar 2004.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Lulju 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat:

"1. Il-fatti saljenti ta' din il-kawza huma s-segwenti:

"(a) Permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-25 ta' April 1985 fil-kawza fl-ismijiet **Antonia Spiteri et v. Joseph Degaetano nomine et** (Cit nru: 88/1981), l-atturi odjerni gew kundannati jhallsu s-somma ta' sittax-il elf, hames mija u sebgha u erbghin Lira Maltija u tnejn u disghin centezmu u seba' millezmi (Lm16,547.92,7) u dan dovuti bhala *sorte*, apparti l-ispejjez u l-imghax.

"(b) In segwitu` ghas-sentenza, il-konvenuti bdew proceduri ta' subbasta fuq il-proprjeta` tal-atturi sabiex jirkupraw dak li kien dovut lilhom.

"(c) Permezz ta' kuntratt pubbliku datat 10 ta' Novembru 1998 ippubblikat min-nutar Dr. Paul George Pisani (fol. 6), il-partijiet ftehemu fis-sens li:

"i) fuq il-kuntratt thallset is-somma ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) bhala hlas akkont;

"ii) l-atturi obbligaw ruhhom li jhallsu s-somma ridotta ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) sa zmien hames (5) snin mid-data tal-kuntratt (10 ta' Novembru 1998) minghajr imghax. Hlas li skond il-ftehim kellu jkun ghas-saldu tad-debitu, b'dan li jekk ghal xi raguni l-atturi jibqghu moruzi fil-hlas tkun dovuta s-somma intjiera.

"iii) Bhala garanzija nghatat ipoteka generali u ohra specjali fuq il-proprjeta` tal-atturi fl-ammont ta' sebat elef, hames mija u sittin Lira Maltija (Lm7,560).

"(d) Sal-10 ta' Novembru 2003 l-ammont pattwit permezz tal-imsemmi kuntratt kienet ghadha ma thallsitx mill-atturi.

"(e) Fit-3 ta' Awwissu 2004 l-atturi baghatu ittra ufficjali lill-konvenuti li biha sejhulhom sabiex jaccettaw il-hlas dovut.

“(f) Permezz ta’ digriet moghti fis-26 ta’ Frar 2004 fl-atti tar-rikors numru 4/2004 fl-ismijiet **Antonia Spiteri et v. Joseph Degaetano proprie et nomine** (fol. 59), is-sentenza moghtija fil-kawza Antonia armla ta’ Francis Spiteri et v. Joseph Degaetano nomine et regghet giet reza ezegwibbli skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Mill-atti jirrizulta li dan id-digriet inghata minghajr l-atturi odjerni ma gew notifikati bir-rikors prezentat fis-6 ta’ Frar 2004 u minghajr ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh.

“(g) Fil-11 ta’ Awwissu 2004 l-atturi ddepozitaw is-somma ta’ erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) fir-Registru tal-Qorti (fol. 35).

“(h) Il-kwistjoni bejn il-partijiet hi fis-sens li l-atturi qeghdin isostnu li huma offrew il-flus fit-terminu pattwit u sahansitra intlahaq ftehim, filwaqt li l-konvenuti qeghdin isostnu li l-atturi ma onorawx il-ftehim u ghalhekk issa ghandhom dritt li jitolbu ghall-hlas tal-ammont kollu.

“2. Qabel il-Qorti tittratta l-meritu, trid taghmel osservazzjoni dwar dak li jinghad fil-parti numru tlieta (3) intestata *“Validita` tas-Subbasta in Kwistjoni”* tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi. Minn qari tal-premessi tac-citazzjoni hu evidenti li l-atturi m’humiex jimpunjaw il-validita` tas-subbasta numru 12/2004 minhabba xi difett procedurali. Ghalhekk ma jistghux f’dan l-istadju tal-proceduri jressqu ilment f’dan ir-rigward. Kif gie osservat fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Mangion proprio et nomine v. Paolo Mangion** deciza fl-10 ta’ Awwissu 1956 (Vol. XL.i.258) il-Qorti tal-Appell: *“Mhux lecitu li l-kawzali fic-citazzjoni tigi mibdula, fil-Qrati Superjuri; u jekk il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun extra petita. Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda u s-sentenza ghandha tkun konformi mad-domanda”* (ara wkoll sentenzi riportati fil-Volum XXXIII.i.748 u XXX.ii.137). Jidher bic-car li llum l-atturi qeghdin jippretendu li s-subbasta hi proceduralment nulla in kwantu jsostnu ***“….illi huma (cioe` l-konvenuti) qatt qabel ma bdew is-subbasta ma intimaw lill-esponenti***

***biex ihallas l-ammont mixtieq minnhom'***[2]. Dan m'huwiex possibbli peress li l-kawza li ghamlu m'hijiex timpunja l-validita` tal-proceduri tas-subbasta ghal din ir-raguni.

"3. Dan il-kaz hu bazat fuq apprezzament tal-provi li tressqu mill-partijiet. Il-hames (5) snin pattwiti li fihom l-atturi kellhom jaghmlu l-hlas, skadew fl-10 ta' Novembru 2003. L-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti hu li tasal ghal gudizzju jekk sa din id-data l-atturi offrewx is-somma ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300), kif ukoll x'gara wara din id-data.

"4. Kif hafna drabi jigri, il-Qorti jkollha quddiemha zewg verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Kif wisq tajjeb osserva l-Imhallef Maurice Caruana Curran li kien qieghed jippresjedi fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru 1966:

*""mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*

[2] Estratt min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

"5. Mill-provi rrizulta kif skond il-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani, l-atturi kellhom sal-10 ta' Novembru 2003 sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) ghas-saldu u fin-nuqqas *"…tkun xi tkun ir-raguni ghal dan in-nuqqas, allura l-ammont intier dovut skond is-sentenza fuq imsemmija isir dovut u kull riduzzjoni koncessa mill-komparenti Spiteri permezz ta' dan l-att gandha titilef il-validita` taghha"* (fol. 7). Kuntratt li ghandu l-forza ta' ligi bejn il-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-kliem tal-kuntratt hu car u ma jhalli lok ghall-ebda interpretazzjoni, *"b'disposizzjoni espressa tal-ligi, meta l-kliem tal-konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu fiz-zmien li sar il-kuntratt hu car, m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni"* (**Stanislao Cassar v. Chev. Antonio Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 1995)[3]. Hekk ukoll fil-kawza **John Zammit v. Michael Zammit Tabone proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997, il-Qorti ghamlet riferenza ghall-principju *"meta l-kliem tal-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi" (Vol. XXXVI.i.191). Skond kif osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Sciberras Trigona v. Aneico deciza fis-6 ta' Ottubru, 1883, 'quando le parole dell'atto son chiare si deve stare alla lettera dell'atto'. U f'dan il-kaz, kif jiddikjaraw u jaqblu l-kontendenti, il-kliem fuq riportati huma cari u univoci – anke jekk huma jaslu ghall-konkluzjonijiet dijametrikament opposti dwarhom. Pero` fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa' imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd. Jekk ghall-gudikant id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku, hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta` espresso mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami"*. Fil-kaz tal-lum ma jirrizultax li l-partijiet qeghdin jaghtu xi interpretazzjoni differenti ghall-klawzola, pero` m'humiex jaqblu fuq il-fatti.

[3] Vol. LXXIX.ii.704.

"6. Jibda biex jinghad li l-hlas ma kellux bilfors isir fl-10 ta' Novembru 2003 izda seta' jsir qabel. Madankollu l-konvenuti kellhom sa dakinhar sabiex ihallsu l-ammont ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300). M'hemmx dubju li dan l-ammont ma thallasx sal-10 ta' Novembru 2003. Mela l-konvenuti qeghdin isostnu li skatat fis-sehh il-Klawsola numru tnejn (2), fis-sens li issa l-ammont intjier hu dovut (inkluz l-imghax u spejjez gudizzjarji). Min-naha taghhom l-atturi qeghdin jargumentaw li huma riedu jhallsu pero` kien hemm rifjut min-naha tal-konvenuti. L-oneru tal-prova qieghed fuq l-atturi. Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi ressqu provi sodisfacenti li qabel id-data fatali (10 ta' Novembru 2003):

"(1) Sar xi tentattiv min-naha tal-atturi sabiex ihallsu s-somma dovuta lill-konvenuti.

"(2) Kien hemm xi appuntament li kien gie ffissat sabiex isir il-hlas u kontestwalment il-kancellament tal-garanzija.

"Bla dubju kien fl-interess tal-atturi li jaraw li jottemperaw bis-shih fl-obbligu li dahlu ghalih meta ffirmaw il-kuntratt in kwistjoni. Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda moghtija min-nutar Dr. Paul George Pisani (fol. 24) u mill-avukat Dr. Georgine Bajada Scicluna (fol. 42-43 u 74-78) ma tistax isservi sabiex tghin it-tezi tal-atturi. Hadd minn dawn ix-xhieda ma wasal sabiex ighid li l-appuntament ghand in-nutar kien gie ffissat qabel l-10 ta' Novembru 2003. Anzi fil-kaz tan-nutar, dan xehed *"jekk m'inhiex sejjer zball fil-bidu tal-2004, il-partijiet, jigifieri sia l-atturi u sia l-konvenuti, gew l-Ufficcju tieghi sabiex isir il-pagament assaldu u tigi kancellata jew jigu kancellati l-ipoteki, kemm dik generali u kemm dik specjali…"* (fol. 24). L-istess jinghad ghall-minuta li hejja n-nutar Pisani (kopja ta' liema tinsab esebita a fol. 27 tal-process) in kwantu fiha ma jissemmewx cifri ta' flus. Mill-provi rrizulta (fatt li ma giex kontestat mill-atturi) li d-difensur tal-konvenuti kien baghat ittra datata 10 ta' Novembru 2003 li permezz taghha nterpella lill-atturi sabiex ihallsu s-somma ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) fi zmien hamest (5) ijiem. Issa hu veru li minkejja li dik kienet l-ahhar gurnata li fiha

l-atturi setghu jhallsu din is-somma, l-ittra kienet qeghda tinterpellahom sabiex ihallsu fi zmien hamest (5) ijiem. B'daqshekk pero` l-Qorti ma tistax tqis li l-konvenuti kienu b'daqshekk qeghdin jirrinunzjaw ghal xi drittijiet li kellhom skond il-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998. Jidher li l-konvenuti kienu disposti li jaccettaw il-pagament ta' Lm4,300 f'dak l-istadju tant li l-konvenut Mario Spiteri xehed li kienet giet iffissata laqgha ghal 21 ta' Novembru 2003 sabiex dakinhar isir il-hlas mill-atturi u jigu kancellati l-garanziji[4]. Min-naha tal-atturi dawn m'attendewx u *"jiena u hija dak il-hin dehrilna lil Attard konna tajnieh zmien iktar minn bizzejjed u allura kellna f'dak il-punt napplikaw il-kundizzjoni tal-kuntratt li sar bejnietna fl-1998….."* (fol. 47). Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li anke fit-terminu moghti fl-ittra tal-10 ta' Novembru 2003, l-atturi baqghu ma hallsux. F'ittra sussegwenti (datata 10 ta' Jannar 2004 – fol. 55), id-difensur tal-konvenuti baghat jgharraf lill-avukat tal-atturi li l-klijenti tieghu kienu qeghdin issa jinsistu ghall-hlas kollu skond is-sentenza. L-ittra taqra hekk:

*""Kellimt lill-klijenti tieghi.* ***<u>Huma gibduli l-attenzjoni</u>*** *ghall-fatt li skond il-kuntratt ta' l-10 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani, gie miftiehem li kemm il-darba l-klijent tieghek ma jhallasx l-ammont kif ridott fiz-zmien stipulate, allura l-ammont intier determinat fis-sentenza tal-25 ta' April 1985 kellu jsir dovut. Effettivament, is-sur Attard naqas milli jaghmel il-hlasijiet kif miftiehem. Ghalhekk il-klijenti tieghi jinsistu li ghandhom jithallsu kemm il-bilanc li ghad fadal jithallsu mis-sorte determinat, kemm l-ispejjez tal-kawza kif ukoll l-imghaxijiet relattivi"*.

"Sussegwentement, intbaghatet ittra ohra datata 19 ta' Jannar 2004 (fol. 56) minn Dr. Michael Grech lill-klijenti tieghu fejn ikkonferma li kien ghamel appuntament ghand in-nutar Pisani ghas-26 ta' Jannar 2004 fit-3.30 p.m[5]. Fl-ittra jinghad ukoll li *"skond l-avukat tieghu ser ihallas l-*

[4] Ara xhieda ta' l-Avukat Dr. Georgine Grech moghtija in kontro-ezami fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2007.
[5] Fatt konfermat mill-kopja ta' parti mid-djarju ta' l-avukat Michael Grech li gie ezebit mill-konvenuti.

*ammont kollu dovut”*. Mill-provi pero` jidher li dakinhar sfratta kollox. Ix-xhud Saviour Grech ikkonferma li dakinhar li kellha ssir din il-laqgha, *“…..Naf li ghal habta tal-4.00 p.m. Spiteri u l-Avukat gew lura rrabjati u qalu li Attard mar bil-hsieb li ma jhallashomx l-ammont kollu li kellu jhallas izda biss l-ammont inferjuri”* (fol. 66-67).

“7. Il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi rrizulta li kien hemm nuqqas min-naha tal-atturi, in kwantu kien gie ffissat appuntament fl-ufficcju tal-avukat Dr. Michael Grech sabiex isir il-hlas u thassir tal-garanziji. Appuntament li jirrizulta li gie ffissat wara li kien diga’ skada t-terminu u wara li kienet intbaghatet l-ittra datata 10 ta’ Novembru 2003. Madankollu l-atturi naqsu milli jattendu ghal din il-laqgha. L-attur iddikjara li *“fl-ebda laqgha li kienet giet iffissata qabel dik illi rriferejt ghaliha fl-affidavit tieghi jiena ma mortx”* (fol. 40). Xhieda li hi kontradetta minn Saviour Grech (fol. 66), Dr. Georgine Grech (fol. 81) u tal-konvenut Mario Spiteri. Skond Saviour Grech u Dr. Georgine Grech, dakinhar Dr. Grech kienet cemplet lid-difensur tal-attur (mistoqsija dwarha fil-kontro-ezami qalet li ma tiftakarx – fol. 75) li min-naha taghha infurmata li l-klijent taghha ma kienx kellimha. L-atturi ma kellhom qatt jiehdu riskji, u anzi kellhom jassiguraw li l-hlas isir mhux iktar tard mill-gurnata pattwita. Issa, jekk il-konvenuti kienu f’mument minnhom propensi li jaccettaw il-hlas ridott minkejja li kien ghadda z-zmien pattwit u rega’ sar dovut l-ammont originali li kien gie likwidat permezz tas-sentenza fuq imsemmija[6], kien fl-interess tal-atturi li jaraw kif jaghmlu u jhallsu minnufih sabiex jevitaw il-kumplikazzjonijiet li sabu ruhhom fihom. F’dan ir-rigward Dr. Georgine Grech xehedet: *“….nippreciza illi ghal l-ewwel zmien wara li kien ghalaq it-terminu stipulate fuq il-kuntratt, avolja Attard kien tenut li jhallas l-ammont intier, u mhux kif ridott skond il-kuntratt, is-sinjuri Spiteri kienu disposti, li f’dak iz-zmien jikkonsidraw li jaccettaw pagament kif ridott u kif kieku*

[6] In kontro-ezami Saviour Grech (seduta tal-4/7/2007) xehed: *“Fl-ewwel appuntament li sar wara li intbaghatet l-ittra, Attard ma kienx deher, l-intendiment ta’ dik il-laqgha kien li Attard jithallas l-ammont ridott. Pero’ kif ghidt, Attard ma kienx attenda ghal dik il-laqgha”*.

*kellu jithallas qabel jghalqu l-hames snin"*[7]. Wiehed ma jistax ma jsemmix li l-hlas igib mieghu l-estinzjoni tal-obbligazzjoni u l-accessorji taghha (fosthom il-privileggi u l-ipoteki – ara Artikoli 1145 u 2084 tal-Kodici Civili). Dan apparti l-fatt li l-Qorti ma tistax tasal ghal xi konkluzjoni fis-sens li minhabba li sal-ewwel appuntament il-konvenuti kienu ghadhom disposti li jircievu l-ammont ridott, b'daqshekk kien hemm xi rinunzja ghad-drittijiet taghhom li jitolbu l-hlas tas-somma intjiera jew li sehhet xi novazzjoni bejn il-partijiet ghal dak li gie pattwit fi Klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998 (fol. 6). F'dak l-istadju l-obbligazzjoni tal-atturi kienet li jhallsu s-somma intjiera u mhux is-somma ridotta ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300). Fl-ahjar ipotezi ghall-atturi l-atteggjament inizjali tal-konvenuti kien sempliciment estensjoni taz-zmien sabiex ihallsu s-somma ridotta u xejn iktar. Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Paul Koludrovich v. Carmelo Muscat**[8] deciza fl-24 ta' Frar, 1958, *"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghallantika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata … In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza"*[9]. Gialadarba l-atturi ma hatfux din l-opportunita`, ghandhom obbligu li jhallsu l-ammont intjier.

"8. Ghalkemm hu minnu li l-ligi f'kaz bhal dak tal-lum ma tiddisponix li t-thassir tal-iskrizzjoni tista' ssir minghajr il-kunsens tal-kreditur (ara Artikolu 2061 tal-

---

[7] In kontro-ezami seduta tal-4 ta' Lulju 2007.

[8] Vol. XL.i.204.

[9] *"Biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm linkompatibilita' ta' l-ezistenza ta' zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-*novazzjoni *ghandha tigi eskluza"* (**Baldacchino vs Cassingena** deciza fl-10 ta' Ottubru, 1950 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Vol. XXXIV.ii.657]).

Kodici Civili), l-importanti ghall-atturi kellu jkunu li jaccertaw ruhhom li l-hlas isir fiz-zmien u mhux jipprokrastinaw. Kif rajna, dan il-hlas baqa' ma sarx. Il-Qorti lanqas mhi konvinta li fid-data li ghalqu l-hames (5) snin pattwiti (10 ta' Novembru 2003) jew qabel saret xi offerta ta' hlas li giet rifjutata min-naha tal-konvenuti. Tant hu hekk li mill-provi rrizulta li sa l-ewwel laqgha li kellha ssir, il-konvenuti kienu ghadhom disposti li jaccettaw il-hlas tas-somma ridotta ghas-saldu. Ghalkemm m'huwiex eskluz li meta l-avukati kienu jitkellmu bejniethom l-hsieb taghhom kien li jaghmlu hilithom sabiex iwasslu lill-klijenti rispettivi taghhom ghall-arrangament, hu fatt innegabbli li d-decizjoni finali hi tal-klijent. F'dan il-kaz jidher li l-konvenuti baqghu jinsistu li jsir il-hlas skond dak li gie pattwit fil-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-konvenuti kienu ilhom hames (5) snin jistennew, u n-nuqqas tal-atturi li jattendu ghall-ewwel laqgha pprecipitat is-sitwazzjoni b'mod irrimedjabbli ghall-atturi.

"9. Il-Qorti tapprezza li l-atturi riedu li mal-hlas isir it-thassir tal-garanziji u li riedu li tkun prezenti l-avukat ta' fiducja taghhom sabiex iserrhu rashom li kollox isir kif supost, mehud in konsiderazzjoni li l-attur ighid li hu illitterat (fol. 30). Min-naha l-ohra pero` kien fl-interess tal-atturi li jassiguraw li kollox isir qabel l-10 ta' Novembru 2003, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni ta' dak li kien jipprovdi l-kuntratt. Il-Qorti lanqas ma tara li qabel skadew il-hames (5) snin kien hemm xi manuvrar min-naha tal-konvenuti sabiex jipprovaw jevitaw il-hlas. Anke kieku stess l-atturi setghu rrikorrew ghal rimedji ohra. Pero` l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz sal-gurnata meta seta' jsir il-hlas tal-ammont ridott, ma kien hemm l-ebda tentattiv min-naha tal-atturi biex ihallsu dak li kien dovut fit-termini tal-kuntratt li ffirmaw. Il-Qorti taraha wkoll stramba kif l-atturi stennew dak iz-zmien kollu sabiex jiddepozitaw il-flus fil-Qorti. Kien biss xhur wara (11 ta' Awwissu 2004) li s-somma ta' erbat elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm4,300) gie depozitata *"sabiex din tkun tista' tigi liberament zbankata mill-istess intimate wara li tithalla ricevuta skond il-Ligi"*. Wiehed minghajr ma jrid jirrileva wkoll inkonsistenza fil-*modus operandi* tal-atturi in kwantu qalu

li ma telqux il-flus minn idejhom ghaliex riedu li jkun hemm il-kancellament tal-garanziji, imbaghad iddepozitaw il-flus b'dikjarazzjoni li setghu jigu liberament zbankati mill-konvenuti.

"10. Fir-rigward tat-tielet (3) u raba' (4) talbiet tat-talba rikonvenzjonali l-Qorti tqis li dawn huma superfluwi meta wiehed iqis li s-sentenza moghtija fil-25 ta'April 1985 regghet giet reza ezegwibbli permezz ta' digriet moghti fis-26 ta' Frar 2004 minn din il-Qorti diversament presjeduta. F'dan ir-rigward il-konvenuti ser ikollhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn it-talbiet. F'kull kaz il-Qorti ser taghti decizjoni dwarhom, u tiddikjara li l-hlas dovut hu ta':

"**Sorte**…………………………………………Lm7,561.24, 7[10];

"**Imghax**:-

"Mill-25/4/1985-10/11/1998[11]…...Lm6,016.32
"Mill-11/11/1998 – sal-lum[12]……Lm5,402.67
Lm11,418.99

**Total……………………………Lm18,980.24.**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi

"(1) Tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

"(2) Fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali, tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-atturi u tilqa' t-talbiet kollha tal-konvenuti b'dan li ghal finijiet tat-tieni talba tiddikjara li l-ammont dovut mill-atturi hu ta' **tmintax-il elf**

[10] Kemm mill-kontro-talba u wkoll mid-dokument a fol. 60 jirrizulta li s-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) imhallsa akkont mill-atturi fuq il-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998, giet imputata mill-konvenuti (bhala l-kredituri) ghas-sorte u l-ispejjez.
[11] Kalkolat fuq is-sorte (Lm16,547.92,7) bir-rata ta' 8%.
[12] Kalkolat fuq il-bilanc tas-sorte (Lm7,561.24,7) stante li fuq il-kuntratt l-atturi hallsu s-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) li kif rajna l-konvenuti (bhala kredituri) imputaw ghall-ispejjez u sorte.

**disa’ mija u tmenin Lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm18,980.24)** kif hawn fuq spjegat, liema ammont l-atturi qeghdin jigu kkundannati sabiex ihallsu lill-konvenuti. B’rizerva ghall-imghax ulterjuri fuq is-sorte ta’ Lm7,561.24,7 minn ghada sad-data tal-pagament effettiv b’dan li l-imghax fuq din is-somma kalkolat mill-11 ta’ Novembru 1998 ma ghandux jaqbez is-sorte.

“Spejjez kontra l-atturi b’eccezzjoni ghall-ispejjez tat-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali li huma a karigu tal-konvenuti.”

**<u>L-appell tal-attur</u>**

2. L-attur Salvu Attard, wahdu, hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha, kif gia` intqal *supra*, fuq l-aggravji segwenti (hawn riprodotti in succint):

(i) In-nullita` tas-sentenza stante li din inghatat fil-konfront ta’ persuna mejta u dan peress illi waqt il-mori tal-kawza giet nieqsa l-attrici Carmen Attard u l-gudizzju baqa’ qatt ma gie trasfuz f’isem l-eredi taghha;

(ii) Li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata peress li l-appellanti u martu “offrew li jhallsu l-bilanc qabel id-data tal-iskadenza”, purke` tigi kkancellata l-ipoteka gravanti d-dar residenzjali taghhom. Kienu l-appellati li “baqghu qatt ma qablu ghal appuntament qabel l-iskadenza.”

(iii) Bla hsara tas-suespost, l-imghax talvolta dovut – skond is-sentenza appellata – jissupera l-kapital dovut u dan imur kontra dak stabbilit mil-ligi.

**<u>Ir-risposta tal-konvenuti appellati</u>**

3. Il-konvenuti wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Dwar l-ewwel aggravju, huma jissottomettu li l-fatt li l-attrici mietet fil-mori tal-kawza qatt ma gie zvelat mill-attur, zewgha, li ppromwova l-kawza in ezami. L-attur, kwindi, ma jistax hu stess jeccepixxi f’dan

l-istadju n-nullita` tas-sentenza minhabba nuqqas tieghu stess u ghalhekk huma jirreferu ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 789(2) tal-Kap. 12 f'dan ir-rigward. Fuq kollox l-appellant ma wera ebda pregudizzju li seta sofra in konsegwenza ta' nuqqas provokat minnu stess.

Dwar it-tieni aggravju, l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-atturi. Dawn naqsu milli jippruvaw li huma jhallsu dejnhom qabel l-10 ta' Novembru 2003, jew li kien gie ffissat xi appuntament anke qabel din id-data.

It-tielet aggravju huwa wkoll infondat ghaliex il-kapital li kien dovut originarjament mill-atturi kien ta' Lm17,565.00c. L-ammont tas-sorte kien jirraprezenta biss l-ammont bilancjali dovut u mhux l-ammont kollu. Il-kuntratt tal-10 ta' Novembru 1998 li jirregola wkoll hlas ta' interessi jispjega kjarament li l-imghax kellu jitqies fuq l-ammont intier.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

4. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti taqbel kompletament ma' dak li gie sottomess mill-konvenuti appellati li hawn non si tratta ta' ebda nullita` kif qieghed jippretendi l-attur. Sal-mument li nghatat is-sentenza appellata u gie intavolat mill-attur innifsu, <u>hadd</u> ma kien gab a konjizzjoni tal-Qorti li fil-mori kienet mietet l-attrici. Tajjeb li jinghad li l-attrici Carmen Attard kienet mart l-attur.

L-inidirizz tal-atturi huwa wiehed u jekk kien hemm parti li kellha interess li tirregola l-atti <u>qabel</u> il-prolazzjoni tas-sentenza appellata, kien l-attur stess u mhux il-kontroparti konvenuta. L-"interess" tal-attur twieled appena nghatat sentenza kontrieh u din il-Qorti m'hi sejra tippermetti lil hadd juza r-regola tal-procedura biex jiehu vantagg ghalih billi volutament jahbi u jzomm ghalih informazzjoni li tkun utli ghal fini ta' korretezza tal-atti tal-kawza kif titlob il-ligi. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh wkoll li l-attur f'ebda stadju ma talab li ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju. L-uniku skop tieghu jidher biss dak li jipprova jottjeni dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata.

Barra minn dan, skond l-Artikolu 789(2) tal-Kap. 12, l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ att (fuq il-pretest li tali vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlobha pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat), ma tistax tinghata, meta l-parti li tkun taghtiha tkun baqghet taghmel, jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jiqbghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`. F’dan il-kaz jirrizulta li Carmen Attard mietet fil-21 ta’ April 2006 u li *inter alia* l-attur appellant ipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet fl-14 ta’ Settembru 2007 (ara fol. 119 *et seq*) u li fiha, konvenjentement ghalieh forsi, ma hassx li ghandu jinforma lill-Qorti bil-mewt ta’ martu.

Ifisser ghalhekk li ma hemm ebda lok ghal dikjarazzjoni ta’ nullita` tas-sentenza emessa mill-ewwel Qorti.

5. Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha prodotti, hija tal-fehma li ma hemm assolutament xejn x’wiehed jikkummenta sfavorevolment fuq l-apprezzament maghmul dwarhom mill-Qorti tal-ewwel grad, hlief anzi li tghid li l-motivazzjoni elaborata moghtija minn dik il-Qorti mhux biss hija wahda studjata ghall-ahhar imma hija wkoll gusta u korretta. Isewgi ghalhekk li din il-Qorti mhux ser toqghod tirrepeti l-fatti biex tasal ghall-istess konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti ghax dan ikun hala ta’ hin. Tajjeb pero` li jinghad li d-dejn dovut mill-atturi jirrisali ghal sentenza li tmur lura sal-25 ta’ April 1985 fejn l-attur appellant kien gie ddikjarat debitur fl-ammont ta’ Lm16,547.92c7m versu l-konvenuti. Dan l-ammont, in linea ta’ danni, sar hekk dovut in segwitu ta’ ftehim ta’ kostituzzjoni ta’ debitu permezz ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Paul George Pisani datat l-10 ta’ Novembru 1998 (ara fol. 6-7 tal-process). Fost il-kundizzjonijiet u obbligi assunti kien hemm dik li l-atturi jhallsu l-ammont bilancjali ta’ Lm4,300 sa zmien hames (5) snin mid-data tal-kuntratt, jigifieri mhux aktar tard mill-10 ta’ Novembru 2003. Fin-nuqqas li jsir dan il-hlas, ir-riduzzjoni fl-ammont li giet koncessa lill-atturi kellha titlef l-effett taghha u bhala fatt, jirrizulta li l-ammont hekk pattwit baqa’ ma thallasx sad-data msemmija. Issa, biex ikun inghad kollox, din il-Qorti ma teskludix li min-naha tal-

konvenuti ma kienx hemm ukoll certu ammont mizurat ta' opportunizmu li seta' kattar il-probabilita` ghall-attur li jaqa *in mora*, imma kien indubbjament l-attur, u hadd hliefu, li wassal finalment ghal dan l-istat ta' fatt. Ibda biex, meta persuna tobbliga ruhha li tissalda dejnha entro hames (5) snin m'ghandux ifisser li l-hlas ghandu allura jithalla proprju ghall-ahhar jum tal-koncessjoni flok jithallas ftit qabel. Ghaliex meta jsir hekk, ikun hemm ir-riskju (kif gara f'dan il-kaz) li jinqala xi intopp fl-ahhar minuta li jisfratta kollox. Issa fil-kaz in ezami l-partijiet fil-fatt kienu prezenti lkoll fl-10 ta' Novembru 2003 ghand in-nutar imma l-attur ried l-ewwel jistenna sakemm jigi l-avukat tieghu peress li qal li ma jafx jikteb u ried jaccerta ruhu dwar il-kancellament tal-ipoteka qabel jiffirma. Din il-Qorti tixtieq taghmilha cara illi kieku l-attur – jekk verament kien tassew bl-intenzjoni li jhallas dejnu darba ghal dejjem – qabad u ddepozita l-ammont anke xi gurnata jew tnejn wara li huwa jghid li l-konvenuti "qabdu u telqu 'l barra" mill-ufficcju tan-Nutar Pisani biex jonsbuh, allura f'dak il-kaz din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, zgur kienet tkun propensa li taccetta l-verzjoni tal-fatti tal-attur; imma mhux hekk gara. L-ammont ta' Lm4,300 gie ddepozitat xi tmien (8) xhur wara li kien skada t-terminu fatali u wara li kien hemm interpellazzjoni ufficjali da parti tal-konvenuti ghall-hlas. Kif tajjeb irrimarkat l-ewwel Qorti

"Il-Qorti taraha wkoll stramba kif l-atturi stennew dak iz-zmien kollu sabiex jiddepozitaw il-flus fil-Qorti."

Anzi, biex wiehed ikun gust mal-konvenuti, kien hemm xi granet anke wara l-iskadenza fejn dawn taw lill-atturi x'jifhmu li kienu lesti jikkuntentaw ruhhom bl-ammont ridott imma lanqas hawn ma gharfu jiehdu vantagg l-atturi. Huwa minnu li sia naha u sia ohra ppruvat tiehu xi sostenn ghaliha billi tipproduci b'xhieda taghha lill-avukati rispettivi. Izda, frankament, din il-Qorti ftit tista' taghti affidament lil dawn id-deposizzjonijiet ghar-raguni li meta taghsarhom – specjalment ix-xhieda moghtija minn Dr. Georgina Scicluna Bajada li dehret ghall-atturi – dawn id-deposizzjonijiet jimxu fuq il-formula ta' "jista' jkun imma m'hiniex niftakar", meta jghaddu mill-gharbiel tal-kontroezami. Minbarra dan, m'huwiex bizzejjed li wiehed

joqghod semplicement fuq l-iskambji li setghu saru bejn avukat ta’ parti u avukat tal-parti l-ohra, ghaliex jekk il-parti interessata tkun ghada ma gietx debitament ikkonsultata biex tikkonferma xi jkun gie suggerit, ma jikkostitwix prova li b’daqshekk ikun intlahaq xi ftehim vinkolanti gdid jew differenti bejn il-partijiet. Biex tassew ikun inghad kollox, tajjeb li jigi rilevat ukoll li l-konvenuti kienu ilhom “jiehdu pacenzja” bil-prokrastinazzjoni tal-atturi ghal snin twal. Di fatti, ghalkemm kif rajna, il-kuntratt *de quo* datat l-10 ta’ Novembru 1998 gie fis-sehh in konsegwenza ta’ sentenza ottenuta mill-konvenuti in data tal-25 ta’ April 1985, id-“dejn” in kawza jaf l-origini tieghu aktar minn erba’ (4) snin qabel, u c-cirkostanzi aggjaccjanti li waslu ghall-vertenza jaghtihom il-konvenut Mario Spiteri – bla ma gie kontradett – fid-deposizzjoni tieghu per via ta’ affidavit datat id-29 ta’ Marzu 2006 (fol. 45 tal-process) fejn ighid hekk:

“Fil-25 ta’ Frar 1981, missieri Francis Spiteri safa’ mtajjar mill-attur Salvu Attard waqt li dan tal-ahhar kien qed isuq vettura tieghu li la kienet inxjurata u l-inqas registrata. Konsegwenza ta’ dan tal-incident missieri sfortunatament miet. Dak il-hin is-Sur Attard telaq mill-post tal-incident, izda xorta wahda sirna nafu li kien hu li kkaguna l-incident li qatel lill-missieri. Dak iz-zmien jien kelli seba’ snin filwaqt li hija Shaun kellu erba’ snin...”

Sal-lum, <u>disgha u ghoxrin (29) sena wara s-sinistru</u>, il-werrieta u wlied il-vittma ghadhom jithabtu biex jithallas lilhom dak dovut – ghalkemm fir-realta` ebda kumpens pekunarju ma jista’ jaghmel tajjeb ghat-trawma gravissima li ghaddew minna l-konvenuti in konsegwenza tal-incident imsemmi.

It-tieni aggravju fil-mertu ghalhekk huwa infondat u qieghed jigi respint.

6. L-ahhar aggravju jirreferi ghall-imghax dovut skond is-sentenza. L-attur jilmenta mill-fatt li dan se jkun addirittura jissupera l-ammont dovut u dan mhux konsentit mil-ligi. Izda hawn ukoll l-attur m’ghandux ragun.

Effettivament ir-ragjonament tal-attur hu wiehed sofista u jirrazenta l-fieragh. Li kieku l-attur qara attentement il-parti relattiva tas-sentenza jsib is-segwenti spjegazzjoni:

(i) L-imghax dovut mill-25 ta' April 1985 sal-10 ta' Novembru 1998, kalkolat fuq is-sorte (Lm16,547.92c.7m) bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) jammonta ghal Lm6,016.32c;

(ii) L-imghax dovut mill-11 ta' Novembru 1998 sa dakinhar tas-sentenza, <u>kalkolat fuq il-bilanc tas-sorte (Lm7,561.24.7m)</u>, jammonta ghal Lm5,402.67;

(iii) Ghalhekk it-total <u>tal-interessi</u> kalkolat kif fuq inghad sad-data tas-16 ta' Ottubru 2007 (data tas-sentenza) kien jammonta ghal <u>Lm11,418.99c</u>.

L-"ammont intier dovut skond is-sentenza" surreferita kien dak ta' Lm16,547.92c7m u mhux l-ammont bilancjali li jsemmi skorrettement l-appellant fl-aggravju tieghu.

Ghalhekk dan l-ahhar aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu, b'dan li l-interessi dovuti fuq l-ammont fuq indikat ta' Lm7,561.24c7m, ekwivalenti llum ghal €17,612.95c (sbatax-il elf, sitt mija u tnax-il Ewro u hamsa u disghin Ewrocentezmi) ghandhom jikkomprendu fihom l-interessi ulterjuri dovuti mid-data tas-sentenza appellata sal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------